# Ikħal Tsunami

Patrick Sammut

Riefnu jieħu post iż-żiffa
u s-siġar jitħarrku vjolenti
jeħilsu mill-weraq żejjed li jostor
il-qalba, nixxiegħa ta' aħdar-ħajja…
Il-baħar kalm jofrogħ
biex jimla f'daqqa
tsunami jqanqal minn qiegħhom
it-tjun imtaħħta…
Is-sirda ta' filgħodu
postha tieħdu s-sirġa ta' xemx
taqli kull pass razzjonali…
U t-togħma mielħa tal-għaraq
jiżżerżaq ma' ġisimna primordjali
magma ddewweb u twaħħad
u tferi u tpaxxi
u ssaħħaħ u tgħaxxi…

Sakemm,
sakemm kollox jistrieħ
f'għajta tnehida
kollox jerġa'
jinħakem mill-kalma...